Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tas-7 ta' Frar, 2013

Numru. 97/2009

**IL-PULIZIJA
(Spettur Josric Mifsud)**

**VS**

**JOSEPH CAUCHI ta' 51 sena, bin Joseph u Maria Assunta nee' Portelli, imwieled l-Gharb nhar it-13 ta' Mejju 1961, residenti fil-fond numru Tas-Sansun, Triq Kan F. Mangion, Gharb detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 23961(G)**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni li permezz taghha l-imputat Joseph Cauchi gie akkuzat nhar is-17 ta' Frar 2007 u fis-snin ta' qabel:

a) Ta xhieda falza f'materja civil, bi ksur tal-artikolu 106 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta
b) Ukoll bhala Direttur talli fl-istess cirkostanzi ghamel hsara lil Bruce Zeitlen u Akiko Zeitlen, ghamel xi qligh iehor b'qerq mhux imsemmi fil-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u dana bi ksur ta'l-artikolu 309 u 310(1)(a) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-artikoli tal-ligi indikati mill-Avukat Generali fin-nota ta' rinviju tieghu ghall-gudizzju tas-7 ta' Dicembru 2010.

Semghet lill-imputat jiddikjara li ma ghandux oggezzjoni illi l-kaz jigi trattat u deciz bil-procedura sommarja minn dina l-Qorti.

Semghet il-provi.

Rat in-noti ta' sottomissjonijietipprezentati mill-imputat u l-parte civile.

Ikkunsidrat:

Illi minn-nota ta' rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali jirrizulta illi l-imputat qed jigi akkuzat b'zewg reati totalment differenti, wiehed ta' spergur u l-iehor tal-frodi. Illi ghalkemm meta tigi biex tghaddi ghall-gudizzju taghha, il-Qorti hija marbuta mal-artikoli tal-ligi indikati lilha mill-Avukat Generali fin-nota tieghu ta' rinviju, madanakollu dawn iridu jinqraw fid-dawl tal-akkuzi kif imposti fil-konfront tal-imputat. Dana ghaliex in-nota ta' rinviju tindika biss il-kap tal-akkuzi u mhux id-dettalji l-ohra li jsawru l-akkuza bhal l-isem tal-imputat, id-data, lok u hin li fih allegatament ikun twettaq ir-reat jew reati li jkunu qed jigu addebitati lill-imputat. Dana qed jigi rilevat peress illi mill-qari tal-akkuzi jirrizulta illi fl-ewwel akkuza l-imputat qed jigi akkuzat fil-vesti tieghu personali, filwaqt illi fit-tieni akkuza u cioe' fl-akkuza dwar ir-reat tal-frodi, huwa qed jigi mharrek fil-kwalita tieghu ta' direttur, izda mhux indikat ta' liema entita legali. Inoltre l-akkuzi t-tnejn li huma

jirreferu ghad-data tas-17 ta’ Frar 2007 u snin ta’ qabel, izda ma jindikawx liema snin u kemm qabel.

Illi l-artikolu 360 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta jipprovdi l-mod kif ghandha tigi ifformulata c-citazzjoni, meta l-imputat ma jigix imressaq il-Qorti bl-arrest. Jinghad testwalment:
*(1) Meta ma jkunx hemm raġunijiet biżżejjed skont il-liġi għall-arrest ta’ persuna imputata ta’ reat, il-Pulizija Eżekuttiva għandha, b’ordni bil-miktub, tħarrek lil dik il-persuna biex tidher quddiem il-Qorti tal-Maġistrati.*
*(2) Iċ-ċitazzjoni* ***għandha ssemmi ċar il-persuna mħarrka,*** *u għandu jkun fiha, fil-qosor, il-fatti tal-akkuża,* ***bil-partikularitajiet ta’ żmien u ta’ lok*** *li jkunu jinħtieġu jew li jkunu jistgħu jingħataw. Għandu jkun fiha wkoll it-twissija li, jekk il-persuna mħarrka tonqos li tidher, hija tiġi arrestata b’mandat tal-qorti u mressqa quddiem l-istess qorti fil-jum li jkun imsemmi fil-mandat.*

**<u>Id-data tal-akkuza</u>**

Illi mill-qari tal-akkuza jidher illi r-reati addebitati lill-imputat, kif riflessi fin-nota ta’ rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali sehhew allegatament fil-jum tas-**17 ta’ Frar 2007 u snin ta’ qabel.** Illi mill-provi akkwiziti fl-atti tal-kawza, piuttost voluminuz, jirrizulta illi l-kwistjoni li hemm pendenti bejn l-imputat u l-parte civile tirrisali ghas-sena 2001, meta l-partijiet iffirmaw kuntratt ta’ appalt. Fih is-socjeta Joe Cauchi Developments Limited kienet intrabtet li tezegwixxi diversi xogholijiet ghal kostruzzjoni u ammeljoramenti gewwa farmhouse proprjeta tal-parte civile fl-Gharb. Il-prezz patwit kien ta’ Lm81,175. Gara illi matul l-andament tax-xogholijiet inqala’ disgwid bejn il-partijiet fejn il-parte civile ma kinitx kuntenta bil-mod kif kien qed isir ix-xoghol u b’dak li dehrilha kien dewmien esagerat fl-ezekuzzjoni tax-xogholijiet tal-appalt. Kien ghalhekk illi iddecidiet tittermina unilateralment il-kuntratt u dana fis-17 ta’ Jannar 2003. Minn hawn beda l-inkwiet li wassal ghall-kawza civili bejn il-partijiet li damet ghaddejja ghal diversi snin fejn imbaghad faqqset dina l-kawza f’Dicembru tal-2009. Bi kwerela maghmula lill-pulizija, il-parte civile bdiet tallega illi l-imputat kien xehed il-falz f’dik

il-kawza civili, kif ukoll allegat illi kien intenta jikkometta frodi meta ippretenda hlasijiet esagerati ghax-xogholijiet ezegwiti kif ukoll il-hlas tat-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud fuq l-ammont kollu meta dana kellu jkun kompriz fil-prezz.[1] Illi abbazi ta’ dina l-kwerela, il-pulizija dehrilhom li kellhom joqoghdu fuq il-kelma tal-parte civile, meta l-akkuzi ma humiex prosegwibbli fuq kwerela izda *ex officio* mill-pulizija, u gew istitwiti dawn il-proceduri kontra l-imputat. Mill-atti jirrizulta illi l-ebda investigazzjonijiet ma saru mill-pulizija fejn allura l-imputat lanqas biss gie interrogat u ghalhekk lanqas gie moghti l-opportunita li jikkontrobatti l-allegazzjonijiet illi kienu qed isiru fil-konfront tieghu, allegazzjonijiet li wasslu ghall-akkuzi serji f’qorti kriminali fejn huwa qieghed sahansitra jiffaccja sentenza ta’ prigunerija! Illi x-xoghol tal-prosekuzzjoni f’kull kawza penali hija li ggib il-provi kemm favur kif ukoll kontra l-imputat, provi li jistghu jwasslu lill-Qorti ghall-verita’. Dana l-Proskeuzzjoni ma setghetx taghmlu f’dana l-kaz minhabba l-fatt illi ma saru l-ebda investigazzjonijiet minn naha taghha dwar dak li kien qed jallega l-parte civile. Dana wassal sabiex anke l-att tac-citazzjoni hija monka. Mhux biss kellha tintalab korrezzjoni fl-istadju inizjali tal-kawza minhabba l-fatt illi d-data giet indikata erronjament fic-citazzjoni, izda jekk wiehed jaqra l-akkuza johrog car illi dina ma tirriflettix ghal kollox il-kwerela maghmula mill-parti leza.  Dana qed jinghad ghaliex fil-fatt ghar-rigward tal-akkuza tal-frodi, il-parti leza titlob fil-kwerela illi l-pulizija ezekuttiva tiehu passi kontra l-imputat ghal tentattiv ta’ frodi u mhux tar-reat ikkunsmat. Dana jfisser ghalhekk illi l-parte civile qatt ma allegat illi l-imputat kien fil-fatt iddefrodaha, izda biss li kien ipprova jaghmel dan.  Inoltre li kieku saru investigazzjonijiet da parti tal-pulizija, kien jirrizulta indubbjament li dina kienet kwistjoni civili bejn il-partijiet u xejn aktar, liema vertenza kienet qed tigi ittrattata quddiem il-qrati civili, u dana kif ser jigi spjegat iktar ’il quddiem.  Minhabba f’dan, il-Qorti spiccat bi process voluminuz quddiemha li fil-maggior parti tieghu ma ghandu xejn x’jaqsam ma’ dina l-vertenza, izda iktar il-vertenza civili li hemm bejn il-partijiet.  Il-parte civile u l-Prosekuzzjoni jispiccaw jitilfu l-fil ta’ dak li kienet qed

[1] Ara kwerela Dokument C a fol.171

titratta realment dina l-kawza u cioe’ akkuzi penali u minflok jingiebu provi kompletament irrilevanti u li ma jiffokawx fuq in-natura tal-akkuzi.

Illi b’referenza ghall-ewwel akkuza ghandu jinghad illi x-xhieda tal-parti leza Bruce Zeitlan tiffoka fuq il-vertenza kollha li kien hemm bejn il-partijiet li wasslet sabiex l-imputat fil-kwalita tieghu ta’ direttur tas-socjeta Joe Cauchi Developments Limited jipprezenta kawza civili kontra l-parti leza ghall-hlas dovut lilu ghax-xogholijiet ezegwiti minnu, f’liema kawza, imbaghad, il-parti leza, konvenuti, ipprezentaw in-nota tal-eccezzjonijiet taghhom u anke ressqu kontro-talba. Illi fil-kawza quddiem il-qrati civili xehdu l-partijiet u xhieda ohra mressqa minnhom u gie mqabbad il-Perit Valerio Schembri bhala espert tekniku sabiex ikejjel ix-xoghol ezegwit mill-imputat u jaghti stima tal-valur ta’ dawn ix-xogholijiet. B’hekk huwa stabbilixxa kemm mill-kuntratt tal-appalt kollu kien lahaq ezegwixxa l-imputat u kemm kien lilu dovut. F’dana l-kont huwa ha in konsiderazzjoni wkoll xi difetti li kien hemm f’dana x-xoghol u xi danni li seta sofra l-imputat minhabba t-terminazzjoni unilaterali da parti tal-parti leza tal-kuntratt tal-appalt. Huwa wkoll ittratta l-kwistjoni dwar jekk kienx dovut ammont ta’ VAT fuq dawn ix-xogholijiet jew jekk dana kienx inkluz fl-ammont originali tal-istima. Dawn kienu fatturi li l-Perit seta jikkonstata *ictu oculi*, immaterjalment minn dak li xehdu x-xhieda u l-partijiet. Il-Qorti ta’ Ghawdex wasslet ghad-decizjoni taghha, imbaghad, fit-12 ta’ Frar 2010 fejn it-talba tas-socjeta attrici, kif rapprezentata mill-imputat giet milqugha in parte u l-konvenuti, parti leza f’din il-kawza gew ikkundannati jhallsu l-valur tax-xoghol kif stabbilit mill-Perit Valerio Schembri oltre imghaxijiet u danni, u dana wara li tnaqqas ammont ghad-difetti li kien hemm fix-xogholijiet. Fis-sentenza taghha l-Qorti iddikjarat illi l-ammont ta’ Taxxa Fuq il-Valur Mizjud kien kompriz fil-prezz u ghalhekk ma kienx dovut.[2]

Illi minn ezami ghalhekk ta’ dawn il-provi, il-Qorti ghalkemm fliet l-atti kollha, ma setghet imkien tasal sabiex

[2] Ara sentenza esebieta a fol 578

tistabilixxi dak li verament sehh fid-data indikata fl-akkuza. Illi la l-parti leza u lanqas ix-xhieda mressqa minnu, ma jaghmlu referenza ghal dina d-data. Minn ezami tal-atti jirrizulta illi fis-17 ta’ Frar 2007 kien sar access mill-Perit Valerio Schembri, perit tekniku fil-kawza civili.[3] Jinghad hekk:
“*Illi in adempiment mill-inkarigu lilu moghti nhar is-17 ta’ Frar 2007 il-Perit Tekniku zamm access gewwa r-residenza tas-sur Bruce Zeitlin. L-esponent jannetti ma’ din ir-relazzjoni Dok VS59 bhala l-verbal ta’ l-access u Dok VS60 bhala traskrizzjoni fidila ta’ l-istess verbal.*”
Sfortunament dawn id-Dokument VS59 u VS60 ma jinstabux in atti u qatt ma gew ipprezentati u kwindi l-Qorti ma tistax tistabilixxi dak li sehh f’dana l-jum indikat fl-akkuza. Fil-fatt meta jaghti x-xhieda tieghu, il-Perit Valerio Schembri jindikah dana n-nuqqas, izda la l-Prosekuzzjoni u wisq anqas il-parti leza ma irrimedjaw dana n-nuqqas. Jghid il-Perit fix-xhieda tieghu:
“*Ir-rapport tieghi dan, minn 58 sa 130 huwa r-rapport tieghi. Pero’ din kawza voluminuza hafna jigifieri. Dan huwa l-parti sa fejn hrigt il-konkluzjonijiet. Imbaghad warajhom hemmm il-provi kollha dawn.*” Fil-fatt il-Perit ikompli jinsisti u Jghid illi fl-atti hemm biss parti mir-rapport tieghu esebit u meta mitlub jispjega x’ifisser, huwa izid: “*Ma’ dawn hemm ix-xhieda u d-dokumenti li gew prezentati in atti.*”[4] Dana Jfisser illi x-xhieda moghtija mill-imputat fil-kawza civili u li fuqha hija ibbazata l-ewwel akkuza ma tinsabx fl-atti.

Illi Bruce Zeitlin fil-kors tax-xhieda tieghu jipprezenta xhieda in kontro-ezami tal-imputat li fihom allegatement huwa jixhed il-falz. Dawn jirreferu ghal xhieda li nghatat mill-imputat fis-seduti tad-19 ta’ Frar 2005, 02 ta’ April 2005 u 29 ta’ Jannar 2005. Dawn huma biss kopja informali u l-orginal taghhom ma jinstabx fl-atti tal-process esebit in atti.[5] Illi l-unici dokumenti fejn il-parti leza tallega l-falz da parti tal-imputat u jinsabu esebiti in atti bhala vera kopja tal-original huma d-dikjarazzjoni guramentata tieghu

---

[3] Ara rapport tal-Perit Valerio Schembri a fol.242 tal-process
[4] Ara xhieda tal-Perit Valerio Schembri a fol.603 u 604
[5] Xhieda tad-19 ta’ Frar 2005, 2 ta’ April 2005 u 29 ta’ Jannar 2005 esebieti Dokument BZ12, 13 u 14 a fols 151 sa 163 tal-process.

fejn hemm tigi mitluba t-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud, kif ukoll l-affidavit tieghu li huwa anness mar-rapport tal-Perit Valerio Schembri.[6] Illi l-Qorti ma tistax tiehu konjizzjoni ta' dokumenti esebiti quddiem qorti ohra li m'humiex awtentikati minn dik il-qorti! Illi maghmula dina l-esposizzjoni tal-fatti kif jinsabu fl-atti processwali, il-Qorti ser tghaddi sabiex tara jekk l-akkuzi jistghux allura jirrizultaw ippruvati.

**<u>IL-LIGI</u>**.

Illi l-imputat jinsab akkuzat bir-reat tal-ispergur a tenur tal-artikolu 106 tal-Kodici Kriminali u cioe' bir-reat hekk imsejjah *judicial jew legal perjury*. Dana jipotizza t-tehid ta' gurament falz fil-kors ta' kawza pendenti quddiem Qorti. L-artikolu 106 jitkellem dwar l-ispergur fil-kawzi civili li huwa distint minn dak li jsehh fil-kawzi kriminali. Id-distinzjoni bejniethom hija biss ghal dak li jirrigwarda l-piena u dana peress illi l-elementi li jsawwru r-reat tal-ispergur huma identici ghaz-zewg istanzi. X'inhuma ghalhekk l-elementi legali li huma necessarji sabiex tista' tinstab htija ghal dana r-reat.

**<u>L-artikolu 106 tal-Ligijiet ta' Malta.</u>**

Illi l-artikolu 106 tal-Kapitolu 9 jipotizza tlett istanzi ta' spergur fi proceduri civili u cioe' l-ispergur mix-xhud, l-ispergur minn persuna li hija parti fil-kawza civili u l-affidavit falz.

Dana r-reat ilu jezisti fil-ligi sa mill-promulgazzjoni tal-kodici penali taghna u cioe' sa mit-30 ta' Jannar 1854. Sussegwentment saru xi emendi zghar ghar-rigward tal-piena u recentement meta bl-Att III tal-2002 gie mizjud is-subinciz tlieta in konnessjoni max-xhieda permezz tal-procedura tal-affidavit li issa saret parti mill-ligi procedurali taghna. Illi l-Giuseppi Falzon fin-noti tieghu 'Annotazioni alle Leggi Criminali per l-Isola di Malta e sue Dipendenze" (1872) fisser ir-*ratio* ta' dina d-disposizzjoni tal-ligi. Jispjega:

---

[6] Ara fol.179

"*Siccome l'oggetto o la materia del delitto sono la verita in quanto il testimonio la conosce, ed il diritto che ha la giustizia di saperla da lui, l'intenzione criminosa, esiste appunto perche' contravviene scientemente a quest'obbligazione che ha di dire il vero*."

Fuq l-istess vena ighid l-Antolisei:
"*L'Autorita' gudizziaria per assolvere i suoi compiti, ha bizogno di mezzi di prova e particolarmente di testimonianze, le quali debbono essere veritiere e complete, affinche' possano essere emessi provvedimenti giusti, e cioe' conformi alla lettera e allo spirito della legge. La testimonianza falsa e reticente puo' fuorviare l'attivita' giudizziara e per questa ragione viene sottoposta a pena. …. Oggetto della tutela penale e' l'Amministrazione Della Giustizia alla veridicita' e completezza di quel mezzo di prova che va sotto il nome di testimonianza*."[7]

Illi minn dana l-bran jemergi ghalhekk dak illi l-legislatur ried jittutela meta t-testimonjanza falza giet inkorporata mar-reati kriminali. Fil-fatt dana r-reat jinsab taht it-Titolu tad-Delitti Kontra l-Amministrazzjoni tal-Gustizzja u dana precizament peress illi l-ispergur jista' jwassal biss ghal *miscarriage of justice*, dana peress illi l-gudikant ser jasal ghall-gudizzju tieghu abbazi ta' fatti inveritjieri u foloz. Minn dana l-bran ukoll jemergu l-elementi legali li jsawwru dana r-reat, kif ahjar esposti mill-Professur Mamo fin-notamenti tieghu dwar id-dritt penali fejn jelenka erba' elementi li huma essenzjali ghall-esistenza ta' dana r-reat tal-*judicial perjury* cioe':
"(i) *a testimony given in a cause*.
(ii) *on oath lawfully administered by the competent authority*.
(iii) *Falsity of such testimony in a material particular*.
(iv) *willfulness of such falsity or criminal intent*."

Dwar l-ewwel element ma hemmx wisq x'jinghad. Dana johrog car mill-qari stess tad-disposizzjoni tal-ligi li titkellem dwar dana r-reat. Jidher illi s-suggett attiv ta' dana r-reat huwa ovvjament ix-xhud. Ghalhekk qabel xejn

[7] Parte Speciale – Reati Contro l'Amministrazione della Giustizia.

irid ikun hemm xhieda li tinghata f'kawza pendenti quddiem Qorti tal-Gustizzja u dana fi proceduri gudizzjarji maghmula skond il-ligi. Dana ghalhekk jinkludi kull tip ta' stqarrija li ghandha valur probatorju ghar-rigward tal-fatti esposti. Il-Mamo jghid:

"*It must be a cause that is to say contentious proceedings which call for a decision*.

It-tieni element jitkellem dwar l-element oggettiv tar-reat u cioe' x-xhieda falza li trid tkun giet moghtija taht gurament li jigi moghti skond il-ligi minn awtorita kompetenti ghaldaqstant. Kif ighidu l-awturi fosthom il-Manzini dina tista' tkun wahda minn tlett ipotesi u cioe' " *l'affermazione del falso, la negazione del vero o la reticenza*."[8]

Illi l-ahhar zewg elementi huma l-iktar tnejn importanti li jistghu jwasslu ghall-kundanna. Dana peress illi dawn jitkellmu dwar in-natura tax-xhieda li tinghata u l-intenzjoni tax-xhud.

Ghalhekk fit-tielet lok il-falsita trid tkun tirreferi ghal **<u>fatt materjali u determinati ghal ezitu tal-kawza</u>**. Il-Mamo jghid: "*In all cases in order that the crime of false testimony may subsist, it is necessary that the falsity be material to the cause. … the law aims at ensuring the integrity of judicial trials and it is in violation of such integrity that the injury caused by the crime subsists. If therefore, the falsity falls upon circumstances which are entirely irrelevant to the cause and which, whether true or false, could in no way influence the result, the crime could not arise because no possibility of injury which alone justifies the punishment would exist*." Ikompli jikkwota dak li ighid il-Maino : "*Perche' sussista la falsa testimonianza … e' necessario che le circostanze falsamente asserite o maliciosamente taciute* ***<u>siano pertinenti alla causa e influenti sulla decisione di questa</u>***." (sottolinjar tal-Qorti).

L-istess ighid l-Antolisei:

[8] Capitolo XIX Delitti Contro l'amministrazione della giustizia.

"*Affinche' possa farsi luogo alla punizione, per noi e' necessario che la falsita' sia guridicamente relevante, il che significa che deve contrastare con lo scopo della norma incriminatrice. Siccome questa mira ad impedire che l'attivita' giudiziaria sia fuorviata, occorre che il fatto che' e stato comesso abbia la possibilita' di determinare tale risultato. Riteniamo, pertanto che la possibilita' di influire sulla decisione giudiziaria sia requisito implicito del delitto in esame, requisito che si desume dalla ratio della norma o se si preferisce dalla oggettivita' giuridica del delitto medesimo. Ne consegue che debbono considerarsi giuridicamente irrilevanti non solo le falsita' che concernano circostanze estranee alla causa (non pertinenti, come si dice nel linguaggio forense) oppure insignificanti, ma anche tutte le altre che per la loro natura o per l'oggetto a cui si riferiscono* ***non hanno alcuna possibilita' di turbare il corso dell'attivita' giudiziaria***." (sottolinjar tal-Qorti). [9]

Ghalhekk kwalunkwe xhieda li ma ghandha l-ebda relevanza ghall-ezitu tal-kawza ghalkemm tista' tkun inveritjiera ma tista' qatt twassal ghar-reat tal-ispergur. Ikompli l-Mamo: "*All the authorities are unanimous that a crime of false testimony is complete so soon as a false deposition is made which is calculated to mislead the Court*."

Fl-ahharnett irid ikun hemm l-intenzjoni kriminuza jew l'ekk imsejha *mens rea* tax-xhud li jigdeb taht gurament. Ikompli l-Mamo: "*The falsity must be deliberate and intentional, for, if incurred into from inadvertence or mistake it cannot constitute this crime. … Consequently in order that the crime in question may subsist it is necessary to prove in addition to the actual falsity and the possible injury to the due administration of justice, the criminal intent, a strong presumption of which arises when some advantage accrues to the deponent from his false deposition or if he was corrupted*."

[9] Ibid.

L-istess ighid l-Antolisei:
"*Sull'elemento soggettivo di questo reato non sorgono difficolta'. Esso consiste nella coscienza e volonta' di affermare il falso, di negare il vero, oppure di tacere, in tutto o in parte cio' che si sa. Naturalmente il dolo e' escluso dall'errore di fatto, il quale puo' essere anche determinato da dimenticanza, come di frequente accade in pratica*."

Il-Maino wkoll isostni:
"*L'elemento intenzionale del delitto di falsa testimonianza e* ***la coscienza di mentire*** *o* ***di nascondere la verita****. … Qualunque errore o dimenticanza esclude il dolo in questo reato, e l'apprezzamento di modesto dolo depende dalle circostanze."*[10]

L-awturi huma kollha konkordi, fis-sens illi sabiex jissussiti dana r-reat bil-fors illi x-xhud irid ikollu l-intenzjoni doluza u cioe' jrid volontarjament u bil-hsieb jixhed il-falz jew ma jghidx il-verita. Jekk hija nieqsa dina l-intenzjoni allura l-ebda xhieda inveritjiera ma tista twassal ghal xi sejbien ta' htija ghal dana d-delitt.

Il-Qorti ghalhekk trid tezamina dawn l-elementi surreferiti fid-dawl tal-provi akkwiziti f'dana l-process penali.

**<u>Il-PROVI</u>**

Illi x-xhieda li qed tigi issindikata f'dina l-vertenza hija dik moghtija mill-imputat f'kawza civili pendenti bejnu u l-parti leza Bruce u Akiko Zeitlen. Illi kif inghad iktar 'il fuq dina x-xhieda allegatement inghatat fis-17 ta' Frar 2007 u s-snin ta' qabel. Illi ghalhekk johrogu s-segwenti fatturi:
1. Mill-atti ma jidhirx illi l-imputat xehed fis-17 ta' Frar 2007. Jidher illi f'dik il-gurnata kien sar access mill-Perit Valerio Schembri, izda x'gara f'dana l-access u jekk l-

[10] Commento al Codice Penale – Dei delitti contro l'amministrazione della giustizia.

imputat xehedx ma jirrizultax mill-atti ghax dana l-verbal huwa nieqes.
2. Illi l-imputat xehed ukoll permezz ta' affidavit datat 12 ta' Jannar 2005. Kopja legali ta' dan l-affidavit jinsab esebit in atti anness mar-rapport tal-Perit Valerio Schembri[11].
3. Illi x-xhieda l-ohra esebita in atti u cioe' dawk tad-19 ta' Frar 2005, 02 ta' April 2005 u 29 ta' Jannar 2005 ma jinstabux esebiti fl-atti tal-kawza civili u hemm biss kopja informali ipprezentata mill-parti leza fil-kors tax-xhieda tieghu.

Illi ghalhekk ma hemmx dubbju illi l-kliem "u is-snin ta' qabel" huma marbuta mad-data tas-17 ta' Frar 2007, meta allegatament beda jsehh ir-reat. Illi gialadarba gie stabbilit illi fid-data tas-17 ta' Frar 2007 l-ebda reat ma jirrizulta illi sehh u dana referibbilment ghar-reat tal-ispergur, kwindi jsewgi li lanqas dak li sehh fis-snin ta' qabel dik id-data, minghajr ma ssir specifikazzjoni ta' liema snin jew dati wkoll ma jistghux iregu sabiex jigi stabbilit b'certezza meta sehh il-kummissjoni tar-reat li dwaru l-imputat jinsab akkuzat.

Illi l-parti leza jikkontendi illi l-imputat xehed il-falz fuq tlett kwistjonijiet.
1. Il-kwistjoni tal-VAT – ghandu jinghad illi kemm mis-sentenza tal-Qorti tat-12 ta' Frar 2010 u anke mir-rapport tal-Perit Valerio Schmebri jirrizulta illi fix-xhieda tieghu l-imputat kien stqarr (u dina l-parti tax-xhieda hija ikkwotata *verbatim*, kemm mill-Qorti kif ukoll mill-Perit Schembri) illi huwa ma kienx talab hlas ghall-VAT peress illi dana l-ammont kien inkluz fl-istima. Illi l-Qorti zammet ma' dina x-xhieda tal-imputat u ghalhekk kwalunkwe haga ohra li seta' stqarr l-imputat ma kellha l-ebda piz fuq id-decizjoni tal-Qorti.
2. Il-hlas tad-dritt dovut lill-Perit John Saliba – Illi fix-xhieda tieghu l-parti leza jghid illi l-imputat dahhal fil-kont finali tieghu drittijiet dovuti lill-Perit Saliba meta dawn kien hallasshom hu. Hawn il-parti leza jaghmel referenza ghal xhieda li ta l-imputat tad-19 ta' Frar 2005 u t-02 ta' April

[11] Ara affidavit a fol.309

2005. Kif diga nghad, fl-atti ma hemmx kopja legali ta' din ix-xhieda u hemm biss kopja informali ipprezentata mill-parti leza fil-kors tax-xhieda tieghu, u kwindi l-Qorti ma ghandiex triq ohra hlief li tiskarta dina x-xhieda.

3. Ix-xogholijiet tad-dawl u l-ilma fil-ground floor – Illi l-parti leza jikkontendi illi l-imputat xehed il-falz meta stqarr illi huwa kien ghamel xi xoghol ta' dawl u ilma peress illi dawn saru minn certu Joe Buttigieg. Illi f'dana r-rigward, huwa jaghmel ukoll referenza ghal xhieda tad-19 ta' Frar u tat-02 ta' April 2005, liema xhieda giet esebita biss b'kopja informi. Illi, inoltre, kuntrarjament ghal dak li jghid il-parti leza fix-xhieda tieghu, l-imputat fl-ebda hin fl-affidavit tieghu ma jsemmi il-kont tal-Perit Saliba u x-xogholijiet tad-dawl u l-ilma. Inoltre fil-kont li hareg il-Perit Valerio Schembri jidher illi gie inkluz il-valur ta' xoghol li sar ta' dawl u ilma fil-ground floor u d-dritt li allegatament thallas lill-Perit John Saliba ma giex inkluz u l-parti leza ma giex ikkundannat ihallas dana l-ammont. Kwindi dawn il-fatti ma kinux determinanti ghall-ezitu finali tal-kawza.

Illi finalment ghandu jinghad illi fin-nota ta' sottomissjonijiet ipprezentata mill-parti leza jinghad illi fix-xhieda tieghu, il-parti leza jaghti lista twila imma bl-ebda mod ezawrjenti, tal-bosta istanzi meta l-akkuzat iddepona falz fil-procedura civili. Illi bir-rispett kollu lejn il-parti leza, dana m'huwiex il-mod kif jitressqu l-provi f'kawza kriminali. Illi l-grad tal-prova li trid taghmel il-Prosekuzjoni u l-parti leza f'kawza penali hija wahda li trid tikkonvinci lill-gudikant lil hinn minn kull dubbju dwar ir-reita' tal-imputat. Jispetta lilhom u mhux lill-Qorti illi jressqu l-provi kollha b'mod car u inekwivoku li ma jhallu l-ebda dubbju fil-mohh min irid jiggudika u mhux jaghmel asserzjonijiet minghajr ma jissostanzjhom bill-provi. Illi dina l-lista twila li mhix ezawrjenti ma tirrizultax fix-xhieda tal-parti leza li jsemmi biss tlett kwistjonijiet fejn l-imputat allegatament iddepona l-falz. Huwa jrid iressaq prova sostanzjata b'dokumenti legalment validi dwar l-istanzi kollha fejn dana skond hu sehh u jindika d-dati precizi wkoll, haga li ma ghamilx.

Kwindi fid-dawl tal-provi prodotti l-Qorti tistqarr illi l-akkuza dwar l-ispergur ma gietx ippruvata u kwindi l-imputat ser jigi illliberat minnha.

Ikkunsidrat:

**<u>Ir-reat tal-FRODI:</u>**

Illi l-artikolu 309 tal-Kapitolu 9, li jindika l-Avukat Generali fin-nota tieghu ta' rinviju ghall-gudizzju, jikkontempla r-reat minuri tal-frodi innominat. Illi ghar-rigward ta' dana r-reat, ghalkemm l-element tar-"raggiri" jew l-"artifizji" illi ghalihom issir referenza fl-artikolu 308, huwa nieqes u allura anke gidba semplici hija bizzejjed ghall-kummissjoni ta' dana r-reat, izda dana jrid bil-fors iwassal sabiex il-vittma u cioe' s-suggett passiv ta' dana r-reat isofri xi telf patrimonjali. Illi kif gie deciz fis-sentenza Il-Pulizija vs Carmela German (Appelli Kriminali Inferjuri 30/12/2004): ***"Kwantu ghal kwistjoni jekk il-gidba semplici – a differenza ta' l-artifizji u raggiri – tistax tammonta ossia twassal ghar-reat ta' frodi innominata, ir-risposta hija certament fl-affermattiv, basta li tali gidba tkun effettivament tammonta ghal qerq, cioe' intiza jew preordinata sabiex il-persuna l-ohra (il-vittma) taghmel jew tonoqs milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-konsegwenti arrikkiment ghal min jghid dik il-gidba u basta, s'intendi li tkun effettivament waslet ghal dana it-telf min-naha u arrikkiment min-naha l-ohra."***

Illi minn qari tal-akkuza jidher illi hemm difetti procedurali, li f'dana l-kaz huma tnejn:

1. Id-data indikata fl-akkuza tas-17 ta' Frar 2007 u s-snin ta' qabel – Illi kif diga inghad iktar 'il fuq ma hemm l-ebda prova fl-atti li tindika illi f'dana l-jum sehh xi reat mill-imputat.
2. Illi fl-akkuza tal-frodi jidher illi l-imputat qed jigi iccitat fil-kwalita' tieghu ta' "Direttur", izda minn imkien fl-atti ma jirrizulta ta' liema entita' legali. L-akkuza kwindi hija legalment monka u dana ghaliex jidher illi l-imputat la qed ikun akkuzat fil-vesti tieghu personali u lanqas bhala rapprezentant ta' xi kumpanija specifika. Illi l-Qorti terga' taghmel referenza ghal dak indikat fl-artikolu 306 tal-

Kapitolu 9. Illi permezz ta' dina d-disposizzjoni tal-ligi, il-legislatur ried jassigura illi persuna li tkun qed tigi akkuzata b'reat kriminali mill-qari tac-citazzjoni tifhem minnufih dak li qed tigi akkuzata dwaru billi jkun hemm fic-citazzjoni d-dettalji kollha li jsawwar l-akkuza. Fil-fatt qabel xejn hemm dispost illi "ic-citazzjoni ghandha ssemmi car il-persuna mharrka", haga li f'dana l-kaz jidher illi ma saritx.

Kwindi minhabba f'dawn id-difetti procedurali, l-akkuza ma tistax tirnexxi.

Illi finalment, kif diga nghad iktar 'il fuq, mill-kwerela illi ghamel il-parti leza lill-pulizija jidher car illi huwa qatt ma allega illi fil-fatt l-imputat kien iddefrodah, izda biss illi ghamel tentattiv ta' frodi. Kwindi l-imputat qatt ma seta' jressaq prova sabiex jissostanzja l-akkuza billi huwa stess stqarr illi l-imputat ma iddefrodahx. Jinghad fi kwalunkwe kaz, illi l-provi sabiex jissostanjzaw dina l-akkuza huma wkoll nieqsa. Li kieku l-imputat kien qed jaghmel tentattiv biex jiddefroda lill-parti leza, certament ma kienx iressaq it-talba tieghu quddiem qorti tal-gustizzja sabiex jigi deciz skond il-ligi l-ammont li verament kien dovut lejh mill-parti leza. Kieku huwa kellu l-intenzjoni li jidhak bih kien jagixxi mod iehor u mhux huwa stess jinizja proceduri legali sabiex jigi kwantifikat dak li kien dovut lilu ghax-xoghol li kien ghamel! Kwindi apparti d-difetti procedurali hawn fuq elenkati, lanqas l-azzjoni fil-mertu ma tista' legalment tirnexxi billi l-*mens rea* mehtieg ghall-kummissjoni ta' dana r-reat huwa ghal kollox nieqes.

Ghaldaqstant fid-dawl ta' dawn ir-risultanzi processwali l-Qorti ma tistax hlief tillibera lill-imputat mill-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------